**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **29 TA' JANNAR 2017**

## Għoti ta' Demm

Fl-1 Ħadd ta' Frar niċċelebraw Jum il-Ħajja. Ejjew bħala bnedmin insara niddefendu dejjem il-ħajja umana. Għada / Illum bejn it-8:30am u s-1:00pm se jsir l-għoti tad-demm fejn is-Sala Sant'Anna. Inħeġġiġkom sabiex immorru nagħtu d-demm u aħna mitlubin nieħu magħna l-ID Card.

## Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom

It-Tnejn 30 ta' Jannar 2017 fis-6.30pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara. Social Workers mill-Agenzija Sapport se jitkellmu dwar is-servizzi tal-persuni b'diżabilità.

## Tberik tal-Familji

It-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 **fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq l-Oranġjo**.

## Lectio Divina

Matul din is-sena li fiha qed niċċelebraw is-70 Sena mill-miġja tal-istatwa ta' Sant'Anna fostna u anke frott tal-Assemblea Parrokkjali li kellna f'Novembru li għaddha bħala Parroċċa kull l-aħħar Tlieta tax-xahar kulħadd huwa mistieden għal-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna. Il-Lectio Divina hija mod kif nitolbu u nirriflettu bil-Bibbja. Nistedinkom biex tingħaqdu magħna nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 fis-6.30pm u nispiċċaw fis-7.30pm.

## Il-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Kandlora

Il-Ħamis 2 ta' Frar hija l-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, il-Kandlora. Festa li tfakkarna li Ġesù hu d-dawl tal-ħajja tagħna. Qed nistiednu lit-tfal tal-parroċċa tagħna li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena flimkien mal-familja tagħhom għall-quddiesa tas-6.00pm. Kulħadd huwa mistieden iġib miegħu xemgħa bajda.

Il-Ħamis 2 ta' Frar jkun Jum il-Ħajja Konsagrata, f'dan il-jum nitolbu għar-reliġjużi kollha patrijiet u sorijiet biex il-Mulej jkompli jagħtihom il-qawwa ħa jkomplu jaqduh b'ħafna ferħ u ġenerożità.

## L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar

Il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:00pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Kors ta' Kana**
Il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017 fis-7.30pm issir ir-raba' laqgħa tal-Kors ta' Kana fis-Sala Sant'Anna.

**Beata Marija Adeodata Pisani OSB**
Bejn l-4 u l-5 ta' Frar 2017 ser ikollna fostna r-relikwa tal-Beata Marija Adeodata Pisani OSB. Is-Sibt 4 ta' Frar 2017 fid-9.00am ta' filgħodu ser inżuru l-Monasteru ta' San Pietru l-Imdina fejn nagħmlu mument ta' talb fil-kamra tagħha. Fl-4.00pm ir-relikwa tasal fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna fejn qed inħeġġu li jattendu l-ġenituri sabiex flimkien nitolbu t-talba tar-Rużarju mmexxija mill-*Mothers' Prayer*s għall-bżonnijiet ta' wliedhom. Fil-5.00pm ir-Relikwa tasal il-Knisja Parrokkjali fejn tkun fostna l-kumplament tas-Sibt u l-Ħadd.

**Pasta Night**
Is-Sibt 18 ta' Frar 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw *pasta night* fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex nattendu u biljetti nistgħu nixtruhom mis-sagristija. Grazzi.

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**
Is-Sibt 25 ta' Frar 2017 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 11-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sas-6.00pm.

**PLYG**
Is-Sibt 25 ta' Frar 2017 il-PLYG qed jorganizaw party tal-karnival fis-Sala Sant'Anna għall-adolexxenti bejn it-12 u 16-il sena mis-7.30pm sal-10.30pm.

**Grazzi lil Sebastian Mercieca u Merħba lil Jean Paul Parascandalo**
Ngħidu GRAZZI lil Sebastian Mercieca li għal dawn l-aħħar tmien snin ta servizz fil-qasam tal-Museum fil-Parroċċa tagħna. Sebastian Mercieca ntalab sabiex jibda jagħti servizz fil-Museum tal-Kalkara. Fl-istess ħin nagħtu MERĦBA lil Jean Paul Parascandalo, mill-Birgu li ntalab mis-Soċjetà tal-Museum sabiex jibda jagħti servizz fil-Museum tal-parroċċa tagħna. Nawgurawlhom u nwiegħduhom it-talb tagħna.

**Fuljett 'Flimkien'**
Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Frar 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.